SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 37-22

18 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul - Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

37.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 36-2022

Il-Minuti tal-laqgħa numru 36-22 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li għalkemm ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa xorta segwa l-laqgħa. Huwa qal li item 36.4.1 (double yellow lines fi Triq il-Bruka ma Triq Prinjoli ) jidher biċ-ċar li qed ikun hawn ħafna anomaliji u li l-Kunsill kellu jċedi ħafna fejn jidħol il-proġett tal-promenade.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras talab li l-pjanti tar-rotta tal-linja jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġiet skużata mil-laqgħa 5.07 pm u rritornat 5.10 pm sabiex għamlet kopja lill-Kunsilliera kollha.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa għala twaħħlu tmienja u għoxrin (28) *one way sign* fi Triq il-Prinjoli u li dawn huma esaġerati. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna niċċekkjaw kienx hemm il-ħtieġa għal dan.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li l-bus route kontra turi biċ-ċar li kienet ser toħloq inkonvinjent sħih lir-residenti tal-lokal.

Il-Kunsillier Terrence Ellul sostna li l-Kunsill ma jistax japprova l-proġett mingħajr pjanti u talab sabiex fi Triq il-Prinjoli, eżatt quddiem il-bus stop isir bil-madum ħalli fix-xitwa jitnaqqas l-inkonvinjent lil min ikun ser jaqbad tal-linja.

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato qalet li issa li tlesta l-proġett tal-promenade il-Kunsill għandu jħares il-quddiem u jiprova jtejjeb kemm jista' l-istess proġett għal ġid tal-lokal.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li huwa jħoss li kienet disgrazzji li l-Kunsill ħela erba' xhur niddiskutu għal aqwa interess tal-lokal bla ma ħareġ frott minnu u qal li l-Kunsill hemm bżonn li jitgħallem minnu.

Is-Sindku qalet li kienet taqbel li forsi l-Kunsill ħela l-ħin jiddiskuti għaliex ma sar xejn milli xtaq il-Kunsill pero' qalet li jista' jkun li l-Kunsill ma kienx qed jara mil-lenti li jħarsu t-Traffic Committee li għandhom aktar esperjenza f'dan il-qasam.

Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li s-sitwazzjoni ġiet imposta fuq il-Kunsill pero' iħoss li tnaqqas periklu u jista' jkun li nħoloq ieħor għaliex min ikun nieżel minn Triq Oleander sabiex jibqa' ħiereġ lejn tal-Barrani xorta jħoss li ġiet perikoluża u sostna li r-rotta tal-karozzi qatt ma kellha tinbidel.

Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li qabel l-flow tat-traffiku kien kontra, u qal li jħoss li l-Kunsill għandu jitlob r-rapport tal-laqgħa li l-Kunsill kellu mat-Traffic Committee sabiex dan ir-rapport ikun jista' jitpoġġa man-notice boards tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-kulur tal-promenade u jekk hix ser tinżebagħ. Is-Sindku kkonfermat li din kienet ser tinżebagħ.

**37.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 37-22 għal perjodu bejn il-25 ta' Jannar 2022 sa 17 ta' Frar,2022 u minn ċekk numru BOV 8403 sa cekk numru BOV 8407 u minn Bank Transfer 01/22 sa 60/22

**37.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**37.4.1 Festa Familja**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien applika sabiex il-Ħadd 24 ta April, tiġi organizzata Festa Familja għal żmien il-Għid. Hija qalet li r-Reġjun kienu iddeċidew li billi kienu diversi kunsilli li applikaw għal din l-attivita' minflok 5,000 Euros għal żewġ kunsilli, kull min applika kien ser jibbenfika s-somma ta 2,000 Euros. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill xorta jista' jagħmel l-attivita' pero' ssir ridotta ftit u d-differenza tal-ispejjeż joħroġhom il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill iddiskuta u qabel ukoll din l-attivita' tieħu ħsiebha s-Sindku u l-Kunsilliera kollha offrew l-għajnuna tagħhom.

**37.4.2 Xiri ta' Airconditioner għal VSA**

Is-Sindku spjegat li l-*airconditioner l*i kien hemm fl-uffiċċju tal-VSA kien bil-ħsara u spjegat li l-Kunsill kien ġab teknixin sabiex naraw jekk kienx val la pena li jissewwa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li l-

airconditioner kien antik ħafna ma kinitx tagħmel sens li nsewwuh bl-ispejjeż li kien fih u li għandna nixtru wieħed ġdid..

**37.4.3 Xiri ta' Bankijiet (Pjazza 7 ta' Lulju)**

Is-Sindku preżentat tlett kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill ibiddel il-bankijiet li kien hemm fil-Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna mmorru għal orħos kwotazzjoni.

**37.4.4 Xiri ta' Planters, Bins u Planting**

Is-Sindku preżentat tlett kwotazzjonijiet oħra sabiex il-Kunsill jixtri Planter, żewġ bins għall-iskart u sabiex jitħawlu pjanti idiġeni fil-parti fi Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37.4.5 Kwotazzjoni sabiex isr il-Knis**

Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill li minn nofs Frar kien beda l-Kuntrattur il-ġdid sabiex isir il-knis fir-raħal. Hija qalet li l-laqgħa ta' qabel il-kunsill kien iddiskuta l-kwotazzjoni tal-knis u qabel li għandna mmorru għall-orħos kwotazzjoni. Is-Sindku qalet li l-Kuntrattur kien ikkuntatjaha sabiex ilaħħqu mal-knis kollu kien jinħtieġ li l-Kunsill iżid sagħtejn xogħol oħra kuljum u l-prezz jiżdied b'€500 oħra fix-xahar. Il-Kunsill qabel li għal issa ma tittieħidx deċiżjoni.

**37.4.6 Merħba lill-Kummissarju tat-Tfal**

Il-Viċi Sindku qal li  s-Sinjura Vassallo kienet għadha kemm laħqet Kummissarju tat-tfal l-ġdida u ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat jifirħilha. Il-Kunsill qabel.

**37.4.7 Skema Ambjent (Ġnien Simbjozi)**

Is-Sindku preżentat l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill japplika taħt l-Iskema għal Kunsilli fuq Proġetti ambjentali. Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras propona forsi jista' jiżdied reservoir żgħir biex wieħed ikun jista' jagħti l-ilma lill-animali biex jixorbu. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel biex inlaħħqu mal-applikazzjoni ma kienx fadal zmien biex jinbidlu l-boqs.

**37.4.8 Xiri ta' Bnadar**

Is-Sindku qalet li kien hemm il-bżonn li jinxtraw numru ta' bnadar għaliex kollha kienu iddisintegraw. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37.4.9 Ħarġa għall-Anzjani**

Is-Sindku qalet li xtaqet li l-Kunsill jerġa' jagħmel ħarġa għall-anzjani. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi organizzata ħarġa li ser tkun qed tieħu ħsiebha s-Sindku. Il-Kunsilliera Kylie D'Amato offriet l-għajnuna tagħha għal dak inhar tal-ħarġa.

**37.4.10 Talba mill-Impjegata tal-Iskema CIES**

Il-Kunsill iddiskuta t-talba tal-impjegata tas-CIES u qabel li għalkemm il-Kunsill ma jistax joħroġ sejħa għal impjegata oħra, il-Kunsill kien lest li jtiha għajnuna ta' €100 fix-xahar.

**37.4.11 Serenity Garden Filming**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir xi filming f'Ġnien is-Serenita' bħala parti mill-programm UEJJA. Il-Kunsill iddiskuta u l-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li fi żmien passat il-Kunsill dejjem addotta li meta jintuża l-Ġnien il-Kunsill jikrih skond il-Bye Law.

Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jitlob reklam u l-użu tal-Ġnien jingħata b'xejn. Il-Kunsilliera Kylie D'Amato ssekondata u il-Kunsillier Terrence Ellul qabel. Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsillier Liam Sciberras ma qablux. Il-Mozzjoni għaddiet bi tlieta kontra tnejn.

**37.4.12 Għajuna fil-Komunita' – Reġjun Nofshinhar**

Is-Sindku qalet li min-naħa tar-Reġjun Nofsinhar kienu qed joffri lill-Kunsill sabiex kumpanija privati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom fuq numru t'inizjattivi jkunu jistgħu jagħmlu dan abbażi volontarji fosthom tindif f'żoni partikolari, tħawwil ta' siġar u għajnuniet oħra. Il-Kunsill qabel li għandna nuru l-interess għal din l-inizjattiva'.

**37.4.13 Ilmenti Laqgħa Pubblika**

Is-Sindku qalet li fost l-ilmenti li daħlu waqt il-laqgħa pubblika kien hemm l-ilment fuq l-art fejn hemm l-għalqa taż-żiemel. Hija spjegat li sid id-dar kien għamel talba lil Lands Authority biex ikun hemm żvilupp pero' sa issa din kienet għadha bħala *Planning Control Application*. Is-Sindku spjegat li din l-art kienet maqsuma f'żewġ partijiet, parti tal-privat u parti oħra tal-*Lands Authority*. Is-Sindku qalet li jekk il-Kunsill jaqbel il-Kunsill jista' jgħaddi sabiex jitlob għad-devoluzzjoni il-parti tal-art tal-Lands Authority sabiex tibqa' titgawda mir-residenti tal-lokal.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ressaq ittra ffirmata minn terz tal-Kunsill sabiex issir laqgħa urġenti biex issir diskussjoni bir-reqqa fejn jiġu diskussi biss il-punti mressaq fil-laqgħa tal-lokalita'

|s-Sindku qalet li ma kellix oġġezzjoni li ssir laqgħa b'urġenza. Saret diskussjoni b'ħafna għajjat u storbju minħabba l-laqgħa b'urġenza.

Il-Viċi Sindku ppreżenta lill-Kunsill żewġ dokumenti minħabba l-art fejn hemm iż-żiemel u qal li jixtieq jgħid li d-dikjarazzjoni ta' resident li kien qed jaħfer lilu u lis-Sindku għad-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill ma kienx postu.

Wara ħafna oġġezzjonijiet minħabba kif issejjħet il-laqgħa, il-Kunsill qabel li ssir laqgħa b'urgenza t-tlieta ta' wara.

Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jaqbel li ssir devoluzzjoni tal-art tal-Lands Authority fi Triq Katerina Vitale u li l-Kunsill għandu jaħdem mas-Sindku ta' Ħal Luqa sabiex noġġezzjonaw għal permess li kien hemm fl-area tal-ġibjun. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37.5 Approvazzjoni Sejħa Accountant tal-Kunsill**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ħareġ is-sejħa għal Accountant mal-Kunsill. Hija spjegat li għal din is-sejħa kienet intefgħet kwotazzjoni waħda biss. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nipproċedu ma din il-kwotazzjoni.

**37.6 Ħatra Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill li għas-Sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv kienu ntefgħu żewġ applikazzjonijiet. Hija spjegat li ż-żewġ applikanti kienu attendew għal intervisti li saru nhar il-Ħamis 3 ta' Frar, 2022. Fuq

deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla s-Sindku pproponiet li s-Sur Fabian Mizzi jinħatar bħala Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill ta’ Santa Luċija. Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ssekondaha u l-Kunsiliera qablu unanimament.

**37.7 Installazzjoni ta’ Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva skema mill-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fejn il-Kunsill seta’ japplika sabiex tiġi nstallata Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits. Is-Sindku spjegat x’kienet tirrikjedi din l-inizjattiva’. Il-Kunsill iddiskuta l-post fejn l-aħjar jitwaħħal il-Fixed Percussion. Is-Sindku qalet li Pjazza ta’ Ġilju kien jinħtieg li ntuha l-ħajja u għalhekk proponiet li l-fixed Percussion għandha teħel f’din il-pjazza. Il-Viċi Sindku qal li f’dan il-post kienu jgħixu ħafna anzjani u ma qabilx ma dan is-suggeriment. Tali proposta għaddiet għal vot. Dawk favur kienu :– s-Sindku Charmaine St John u l-Kunsilliera Terrence Ellul, Kylie D’Amato u Liam Sciberras filwaqt li dak kontra kien il-Viċi Sindku Frederick Cutajar. Il-proposta għaddiet.

37.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

37.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-7:03pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 16 ta’ Frar, 2022 fil-5:30pm. Konfermati llum il- ______________________________, ta’ _____________2022.

Iffirmati

Charmaine St John
Sindku

Iffirmati

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv